TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT 241/15/MS

**Eileen Zahra De Domenica**
**vs**

**OK LTD**

14 ta' Marzu 2016

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-24 ta' Dicembru 2015.

Ra r-risposta tad-29 ta' Jannar 2016.

Ra l-atti processwali, sema x-xhieda.

**Ikkunsidra**

Illi rrizulta mill-provi illi fid-29 ta' Otturbu tal-2014 ir-ragel tar-rikorrenti xtara minghand is-socjeta' intimata "Easicare Blizzard Powerchair" ghas-somma ta' elf tmien mija u hasin Euro (€1,850.00) Ir-rikorrenti Eileen Zahra de Domenica allegat li sitt xhur wara x-xiri beda jinfetah il-lastiku tal-*armrest.* Sitt xhur wara dan regghet tfarrket l-*armrest* l-ohra. Ilmentat mas-socjeta' konvenuta illi biddlet wahda minnhom u ghad illi skond ir-rikorrenti giet moghtija x'tifhem illi se jbidlulha wkoll it-tieni wahda, dana ma sarx u ghalhekk ilmentat lill-ufficju tal-konsumatur u wara dan addixiet lil dan it-Tribunal fejn qieghda titlob l-ammont ta' hames mitt Euro (€500.00) ghal bdil ta' dan l-*armrest.*

Illi minn naha l-ohra, s-socjeta' intimata filwaqt illi tikkonferma x-xiri, tghid illi l-*armrest* giet mibdula biss gimgha jew gimghatejn wara l-konsenja ghaliex ir-rikorrenti innutat hsara zghira fil-qiegh tal-*foam* tal-*armrest*. Wara dan skond Paul Mc Alistair, il-manager tas-socjeta' intimata, mar ghand ir-rikorrenti erba' darbiet fuq ilmenti li kienet qed taghmel ir-rikorrenti. Dawna kienu affarijiet zghar li ghalihom is-socjeta' konvenuta ma talbitx hlas. Sena u nofs wara x-xiri r-rikorrenti regghet ilmentat illi kellha hsara fuq l-*armrest* l-ohra. Veru li ghal dan l-ilment is-socjeta' intimata damet xi xahar ma tinvestiga, izda meta marret irrejalizzat illi l-hsara ma kenitx dovuta ghal xi *wear and tear*, izda ghal xi daqqa vjolenti illi qacctet parti mill-kantuniera tal-*armrest* - ara ritratt Dok A. Minkejja dan is-socjeta' intimata xorta baghtet ir-ritratti ghand is-*supplier* taghha biex tara tistax tirrimedja. Dawn ukoll wasslu ghall-konkluzjoni illi l-hsara giet kkawzata *"a possible and likely impact on the foam."* Irrizulta wkoll illi *armrest* gdida tax-xellug kienet tiswa €108.80. Is-socjeta' intimata ghalhekk irrifjutat li tissupplixxi armrest gdida minghajr hlas ghad illi offriet lir-rikorrenti illi ttiha wahda gdida *at cost price*. Ir-rikorrenti irrifjutat.

**Ikkunsidra**

Illi jibda biex jinghad illi l-*wheelchair* mixtri mir-ragel tar-rikorrenti hu kopert b'garanzija li jkopri difetti fil-manifattura (parts u operazzjoni). Dan ifisser illi jekk jinqala' xi difett f'wahda minn dawn il-fatturi s-socjeta' intimata hija obbligata li jissewwi jew tirrimpjazza a spejjes taghha. L-ebda garanzija ma tkopri uzu hazin jew maltrattament tal-oggett. Kwindi biex ir-rikorrenti jirnexxileha fit-talba taghha trid tipprova ful bazi ta' probabbilita' illi d-difett f'*armrest* gie kkawzat minn xi forma ta' nuqqas fil-manifattura tieghu. F'dan il-kaz ippruvat taghmel dan bix-xhieda taghha u ritratti ezebiti. Fil-fehma tat-Tribunal Dawn pero' ma lahqux il-grad ta' prova rikjest mill-ligi ghas-success ta' tezi taghha.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal huwa propens illi jemmen ix-xhieda migjuba mis-socjeta' intimata dwar it-*timeline ta*' kif graw l-avvennimenti u d-diskors illi sar bejn ir-rikorrenti u s-socjeta'. Din tal-ahhar hija aktar preciza u dettaljata fejn turi li s-socjeta intimata ghamlet minn kollox sabiex tipprova taqdi l-ilmenti tar-rikorrenti sakemm dawna ma ncidewx fuq id-drittijiet tal-istess socjeta'. ir-ritratt ezebit f'Dok A huwa determinanti ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza. Huwa ovvju li l-hsara mhijiex dovuta ghal xi hsara fil-manifattura, izda kawza ta' daqqa vjolenti li qacctet kantuniera shiha tal-armrest. U kwindi s-socjeta' intimata bir-ragun rrifjutat li tkopri lil din il-hsara bil-garanzija.

Illi biex turi r-rieda tajba taghha offriet li tbiddel l-armrest *at cost* izda r-rikorrenti irrifjutat.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LLD.
Arbitru.